# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 11**

**Rikors numru 168/10 AE**

**Philip Said, Andreana Said, Filippa Said, Polly Seychell, Andreana Camilleri f'isimha proprju u bhala mandatarja tal-assenti huha Philip Said, Andreana Pule`, Philip Said, Jane Micallef, Frances Aquilina, Josephine Attard, Joseph Sapiano, Victor Azzopardi, Josephine Mary Azzopardi, Marija Assunta Zerafa nee Azzopardi, Paolina Mifsud nee Azzopardi, Philip Azzopardi, Lawrence Azzopardi, Carmelo Farrugia, Nicholas Farrugia, Jason Farrugia, Jane Zahra, Joe Sapiano, Godfrey Sapiano, Philip Sapiano, Philip Sapiano, Adrian Sapiano, Robert Sapiano u Rosella Mizzi**

**v.**

**Andreana Galea f'isimha proprju u b'digriet tal-15 ta' Marzu 2010 mahtura kuratrici biex tidher f'isem Philip Galea assenti minn dawn il-Gzejjer**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li l-atturi ressqu fit-22 ta' Frar, 2010, u li jaqra hekk:

"1. Illi l-kontendenti huma lkoll, bl-eccezzjoni tal-intimat Philip Galea, ko-eredi ta' Francesca Said li mietet fl-14 ta' Marzu 1978, u dan in forza ta' testament tal-imsemmija defunta fl-atti tan-Nutar Sammy (Salvatore) Abela tas-17 ta' Settembru 1974, hawn anness u market bhala Dokument A.

"2. Illi in forza tal-imsemmi testment, it-testatrici iddisponiet testwalment hekk fis-seba' (7) artikolu:

> "*It-testatrici trid* ***li f'kas li jmissha parti mill-art li hemm fil-gardin mad-dar fuq imsemmija***[1] *dana jista jixtrija b'titolu ta' legat iben il fuq imsemmija Andreana Galea cioe` Philip Galea u f'kas li ma jkunx irid jew ma tistax, tista tixtrijha l-imsemmija Andreana mizzewgha Galea bil-prezz ta' seba' mija u hamsin lira (Lm 750).*"

"3. Illi meta sar dan it-testment, it-testatrici Francesca Said kienet qed tikkontempla s-sitwazzjoni dwar x'kellu jigri mill-wirt taghha jekk hi f'hajjitha kien ser ikun lahaq missha u ghalhekk tigi assenjata sehem diviz meta ssir id-divizjoni relattiva tal-art li hemm fil-gardin mad-dar fuq imsemmija, stante` illi meta saret id-divizjoni tal-wirt ta' Filippo Said u martu Andreana Said nee` Azzopardi, li formanti parti minn dan il-wirt kien hemm din l-art, din l-art thalliet indiviza u komuni bejn il-hames eredi ta' din l-art, li ghalhekk fosthom kien hemm l-imsemmija Francesca Said.

"4. Illi dak li riedet it-testatrici Francesca fis-seba' (7) artikolu tat-testment taghha hu car daqs il-kristall u ma jhalli l-ebda dubju, u dan partikolarment meta wiehed iqis ic-cirkostanzi li fihom hi ordnat din id-disposizzjoni fit-testment taghha, li kienu illi kienet giet redatta pjanta dwar id-divizjoni tal-art li hemm fil-gardin tal-fond numerat 269, Main Street, Zebbug (Malta), u f'din il-pjanta l-art kienet giet maqsuma f'**erba'** porzjonijiet, meta kien hemm **hames** eredi, u ghalhekk xi hadd mill-eredi ma kienx ser jigi assenjat sehem diviz minn din l-art jekk issir id-divizjoni taghha, u kellu jiehu ekwiparazzjoni fi flus, u kien ghalhekk li t-testatrici Francesca Said ghamlet din id-disposizzjoni fit-testment taghha soggetta ghal li hi imissha parti mill-art.

"5. Illi sal-lum stess, u ghalhekk issa li l-imsemmija Francesca Said ilha snin twal mejta, il-qasma ta' din l-art ghadha ma sehhitx, u ghalhekk l-ipotezi kontemplata mit-testatrici li hi possibilment imissha parti diviza minn din l-art li hemm fil-gardina baqghet qatt m'averat ruhha sad-data tal-mewt taghha.

"6. Illi gia` ladarba din il-kundizzjoni m'avveratx ruhha, allura Philip Galea jew Andreana Galea ma jistghu jivvantaw l-ebda jedd naxxenti mis-seba' (7) artikolu tat-testment ta' Francesca Said fl-atti tan-Nutar Sammy (Salvatore) Abela tas-17 ta' Settembru 1974.

"7. Illi wkoll, kull jedd li seta' kellhom Philip Galea jew Andreana Galea naxxenti minn dan it-testment intilef bil-preskrizzjoni ta' ghaxar (10) snin skont l-artikolu 845 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'kull kaz ukoll bil-preskrizzjoni ta' tletin (30) sena skont l-artikolu 2143 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

"8. Illi wkoll jinghad illi meta t-testatrici Francesca Said iddisponiet li f'kaz li kien ser imissha parti mill-art li hemm fil-gardin dana jista' jixtrija b'titolu ta' legat Philip Galea, hi effetivament ma kienet qed taghti l-ebda jedd lil Philip Galea peres li "t-titolu" ta' xiri b'legat hu titolu guridikament inezistenti u ghalhekk mhuwiex enforzabbli.

"9. Illi r-rikorrenti ghandhom interess li jaghmlu din il-kawza peress illi bhala ko-eredi ta' Francesca Said, is-sehem rispettiv taghhom mill-assi formanti l-wirt taghha hu milqut negattivament minn dak li qed isostnu l-intimati u cioe` li skont l-intimati huma ghad ghandhom u jistghu jenforzaw jeddijiet naxxenti mis-seba' (7) artikolu tat-testment ta' Francesca Said tas-17 ta' Settembru 1974.

"10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

"Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati ma jistghu jivvantaw u/jew lanqas jenforzaw xi jedd naxxenti mis-seba' (7) artikolu tat-testment ta' Francesca Said fl-atti tan-Nutar Sammy (Salvatore) Abela tas-17 ta' Settembru 1974.

"Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma ingunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti jridu jippruvaw illi huma kollha koeredi ted-defunta Francesca Said li mietet fl-14 ta' Marzu 1978.

"2. Illi wkoll in linea preliminari r-rikorrenti Andreana Camilleri ghandha tipprova l-mandat lilha moghti mill-assenti huha r-rikorrenti l-iehor Philip Said.

"3. Illi wkoll in linea preliminary l-gudizzju mhuwiex integru stante li r-rikorrenti Roberta Azzopardi u Rosella Mizzi mhumiex identifikabbli

kif jirrikjedi l-vot tal-ligi billi huma nieqsa l-partikolaritajiet taghhom fl-okkju tal-kawza.

“4. Illi wkoll in linea preliminary mit-talba l-azzjoni hekk kif promossa mir-rikorrenti mhiex wahda cara u per konsegwenza hija rrita u nulla. F’kull kaz ir-rikorrenti jridu jindikaw taht liema dispositiv tal-ligi qed jippromwovu l-azzjoni odjerna. Fil-kaz li r-rikorrenti jinghataw l-opportunita` minn din il-Qorti li jiccaraw il-posizzjoni taghhom l-eccipjenti qeghdin jirrizervaw minn issa li jeccepixxu ulterjorment.

“5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju l-azzjoni tar-rikorrenti ma tistax tirnexxi stante li s-seba’ artikolu tal-imsemmi testment ta’ Francesca Said hija soggetta ghall-kundizzjoni sospensiva li ghadha ma avveratx ruhha taht id-dispositiv tal-Artikolu 710 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“6. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat li b’nota tas-26 ta’ Ottubru, 2010, l-atturi Robert Sapiano u Rosella Mizzi cedew il-kawza wara li irrinunzjaw ghall-wirt ta’ missierhom;

Rat is-sentenza li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ April, 2012, li in forza taghha iddecidiet il-kawza billi:

“filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet li nghataw mill-konvenuta proprio et nomine, tiddikjara li gialadarba Francesca Said mietet fl-14 ta’ Marzu 1978 u sa dakinhar l-art oggett ta’ din il-kawza baqghet komuni, dak li pprovdiet fis-segbha artikolu (7) tat-testment li ghamlet fis-17 ta’ Settembru 1974 fl-atti tan-nutar Dr Sammy (Salvatore) Abela baqa’ minghajr effett.

“Spejjez a karigu tal-konvenuta proprio et nomine.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-kawza titratta dwar interpretazzjoni ta' klawzola f'testment li ghamlet Francesca Said li mietet fl-14 ta' Marzu 1978. It-testment ghamlitu fis-17 ta' Settembru 1974 fl-atti tan-nutar Dr Sammy (Salvatore) Abela. Fis-sebgha (7) Artikolu jinghad:-

"***'It-testatrici trid li f'kas li imissiha parti mill-art li hemm fil-gardin mad-dar fuq imsemmija dana jista jixtrija b'titolu ta' legat iben il fuq imsemmija Andreana Galea cioe Philip Galea, u f'kas li ma ikun irid jew ma jistax, tista tixtrijha l-imsemmija Andreana mizzewgha Galea bil-prezz ta' seba mija u hamsin lira (Lm750).'***.

"Dwar l-eccezzjonijiet numru wiehed sa erbgha, il-qorti tosserva li dwar:-

i. "L-ewwel eccezzjoni l-atturi taw prova sodisfacenti li huma werrieta ta' Francesca Said. F'dan il-kuntest l-atturi pprezentaw nota spjegattiva dwar id-drittijiet li kull wiehed minnhom ghandu fil-wirt ta' Francesca Said, u din qatt ma giet kontradetta mill-konvenuti.
ii. "It-tieni eccezzjoni l-atturi taw prova dokumentarja li Philip Said ta prokura generali lill-ohtu l-attrici Andreana Camilleri.
iii. "It-tielet eccezzjoni Roberta Azzopardi u Rosella Mizzi cedew il-kawza.
iv. "Ir-raba' eccezzjoni, fis-16 ta' Dicembru 2010 il-konvenuti rrinunzjaw ghaliha.

"Francesca Said kienet parti f'kuntratt ta' qasma li gie ppubblikat fit-30 ta' Novembru 1975 u giet assenjata l-fond 268, 269 u 270, Main Street, Zebbug. Il-kuntratt kien jirrelata ghall-qasma tal-wirt ta' Philip u Andreana konjugi Said u ta' Nicolina Azzopardi. Il-konjugi Said kellhom hamest itfal, Francesca Said, Luigi, Giovanna Sapiano, Carmelo u Salvatore. Meta saret il-qasma, Francesca Said biss kienet ghadha hajja. Fil-kuntratt jinghad ukoll li mal-fond fuq imsemmi:

"*'.....hemm gardin li l-komparenti proprio et nomine iddecidew li ihalluh barra milli jinqasam partikolari;* ***u li jibqa kwint indiviz fuq kull porzjoni fuq imsemmija*** *u fir-rispettivi kwoti fuq imsemmijin u ta' kejl ta' cirka hamsa u tmenin punt tnejn u hamsin qasab kwadri (85.52 qk) u tmiss mit-tramuntana ma trejqa bla isem, kif ukoll mill-punent, minn nofsinhar ma gid ta' Joseph Galea u mill-lvant mal-post fuq imsemmi jew irieh ohra verjuri u kollox jidher mill pjanta hawn annessa markata bl-ittra K.'.*"

"Andreana Galea hi l-proprjetarja tal-fond 268, 269 u 270 Main Street Zebbug., fond li wirtet minghand Francesca Said b'testment li sar fit-22 ta' Marzu 1977 fl-atti tan-nutar Dr Joseph Brincat. Fit-testment li ghamlet fl-1974 Francesca Said ukoll halliet dan il-fond lil Andreana Galea, in-neputija taghha (il-Hames Artikolu) u fih jinghad: *'...li skond il-qasma li sa issir sa tigi assenjata lilha).'*. Fit-testment li sar fl-1977, Francesca Said halliet il-fond fuq imsemmi lin-neputija taghha, Andreana Galea u mponiet piz perpetwu ta' Lm10 fis-sena sabiex tithallas lil Casa Papa Giovanni tas-Siggiewi.

"Fir-rigward ta' interpretazzjoni ta' testmenti, wiehed ghandu jhares lejn x'kienet il-volonta tat-testatur. Pero meta l-kliem fit-testment hu car, hadd ma ghandux ikun li dak il-kliem jinghata interpretazzjoni ta' x'setghet kienet il-volonta tat-testatrici. F'dan il-kuntest issir riferenza ghas-sentenza **Rose Alden et vs Raphael Pace** deciza fis-27 ta' Gunju 2003 minn din il-qorti (Imhallef P. Sciberras) fejn inghad:

> "*'Dan premess, hi norma principali fit-testmenti illi wiehed ghandu jirrikorri ghall-interpretazzjoni letterali. "Ove le parole del testamento siano per se stesse chiare, non e` lecito con prove estrinsiche restringere o ampliarne il senso; la disposizione deve restare quella che le parole del testamento importino' - "**Carmelina Mifsud et -vs- Matilde Pullicino et**". 13 ta' Gunju 1888 (**Vol. XI pag.633**). Fl-istess sens huma d-decizjonijiet fl-ismijiet "**Nutar Albert E. Micallef et -vs- Marietta Tonna**", Appell Civili, 30 ta' Ottubru 1950 u "**Farmacista George Mallia -vs- Carmela Mallia**", Appell Civili, 18 ta' Marzu 1957.'.*"

"Fis-sentenza Giuseppe Axiak vs Antonio Axiak et deciza fis-26 ta' Frar 1945 (Volum XXXII.i.178) tas-26 ta' Frar 1945, gie osservat:-

> "*'F'materja ta' interpretazzjoni testamentarja, meta d-dispozizzjoni hija cara, ghandha tircievi l-ezekuzzjoni taghha bhala ligi li t-testatur ried jimponi, u mhux permess li ssir interpretazzjoni tal-volonta tat-testatur hlief meta l-kliem minnu uzat ikunu certament kuntrarju ghall-volonta' tieghu. L-intenzjoni tat-testatur ghandha tingibed mid-dispozizzjoni ta' l-istess testment, konfrontati anki mad-dispozizzjoni ta' testmenti ohra tieghu, precedenti jew sussegwenti, u mhux minn materja estranea ghat-testment. U hemm bzonn li jkun hemm motivi tajba biex wiehed jirritjeni li l-kliem uzati mit-testatur kienu ntizi minnu f'sens divers mis-sens taghhom naturali.'.*"

"Din tidher kemxejn differenti mill-interpretazzjoni li tinghata mill-gurisprudenza Taljana:

> "*'interpretazione del testamento è caratterizzata, rispetto a quella contrattuale, da una più penetrante ricerca della volontà del testatore, la quale, alla stregua dell'art. 1362 c.c., va individuata **sulla base dell'esame globale della scheda testamentaria, con riferimento anche ad elementi estrinseci alla scheda stessa, come la cultura, la mentalità e l'ambiente di vita del testatore medesimo**. Pertanto il giudice di merito può attribuire alle parole usate dal testatore un significato diverso da quello tecnico e letterale, quando si manifesti evidente, nella valutazione complessiva dell'atto, che esse siano state adoperate in senso diverso, purchè non contrastante e antitetico, e si prestino ad esprimere in modo più adeguato e coerente la reale intenzione del de cuius.* (Qorti tal-Kassazzjoni 7025/86)."

"Hu d-dmir tan-nutar li jizgura li dak li jnizzel ikun jirrifiletti l-volonta tat-testatur u ghandu juza kliem li jkun car. L-abbozzar ta' atti hi arti fiha nnifisha. Sfortunatament ta' sikwit jinqalghu kwistjonijiet bla bzonn minhabba l-ghaggla jew nuqqas ta' hila fl-abbozzar ta' atti. In-nutar

ghandu dmir li fl-ewwel lok jifhem sew x'ikun irid it-testatur, u mbaghad jizgura li dak li jikteb jirrifletti b'mod car il-volonta tat-testatur. Jekk in-nutar jonqos milli josserva dawn il-principji bazici, ghandek l-ahjar ricetta ghall-konfuzjoni u kwisjtonijiet bla bzonn bejn il-beneficjarji meta jkun tard wisq, ghaliex it-testatur ikun miet u mhux f'posizzjoni li jsemmi lehnu.

"L-atturi jsostnu li mhu xejn car il-kliem fis-sebgha Artikolu li: ***'jista jixtrija b'titolu ta' legat'***. Dan hu ezempju klassiku ta' dak li kkumentat dwaru l-qorti iktar qabel f'din is-sentenza. Madankollu, il-qorti tifhem li b'dan il-kliem it-testatrici kienet qeghda thalli legat favur Philip Galea, u b'hekk torbot lill-werrieta taghha, prevja li n-neputi taghha ma jirrinunzjax ghall-legat. Fl-eventwalita li jirrinunzja l-legat ighaddi fuq ommu.

"Min-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet hu evidenti li hemm qbil li r-riferenza ghal *'imissha parti mill art'* hi ghal porzjon diviza. Il-konvenuti stess iddikjaraw f'paragrafu 14: *'Id-disposizzjoni ma tghidx li din l-assenazzjoni kellha ssehh biss fil-kaz li l-gardina tmiss lil Said f'hajjitha u lilha personalment, izda sempliciment tghid 'f'kaz li imissha parti mill-art li hemm fil-gardin mad-dar fuq imsemmija'. **Ergo, t-testatrici kienet ukoll qed tipprospetta ghall-futur u cioe' anke ghal wara mewtha.**'*.

"Jidher li minhabba d-daqs tal-art ma kienx possibbli li tinqasam f'hames porzjonijiet. Fil-fatt mal-att ta' divizjoni hemm pjanta tal-art annessa li saret mill-perit J. Ellul Vincenti u li turi l-art maqsuma f'erbgha (4) porzjonijiet (A, B, C, u D). Jidher li meta saret il-qasma, hadd mill-kondividenti ma kien lest li johrog flus biex jithallsu lil dik il-parti li ma tircievix porzjon diviza mill-art. Hemm ukoll qbil li l-art annessa mal-fond proprjeta ta' Andreana Galea ghadha sal-lum ma nqasmitx. Ghal din il-qorti minn qari tas-sebgha Artikolu tat-testment tas-17 ta' Settembru 1974 hu altru milli evidenti li l-volonta tat-testratici (Francesca Said) kienet li jekk tmissha xi porzjon mill-art in kwistjoni matul hajjitha, Philip Galea (iben Andreana Galea) kellu jinghata d-dritt li jixtriha, u fin-nuqqas id-dritt kellu jinghata lil Andreana Galea. It-testment jirregola x'ghandu jsir mill-wirt tat-testatrici. Pero sad-data tal-mewt taghha (14 ta' Marzu 1978) ma kienx missha sehem diviz mill-art. Ghalhekk fil-wirt taghha hemm inkluz sehem indiviz ta' parti minn hamsa (1/5) mill-art in kwistjoni. Wara l-mewt ta' Francesca Said mhu ser imissha l-ebda sehem diviz mill-art li tmiss mad-dar li kien proprjeta taghha. Ghalhekk dak li jinghad fis-Sebgha Artikolu qatt ma jista' jsehh. Ir-raguni tghidlek li kieku t-testatrici kienet qeghda tikkontempla l-qasma tal-art in-natura wara mewtha wkoll, kienet tillimita ruhha biex tghid li l-legat kellu jkun ta' 1/5 indiviza mill-art. Il-qorti ttendi biex taccetta li fuq bazi ta' probabilita hu minnu li meta ghamlet it-testment, Francesca Said kienet diga' taf li l-art kienet ser tibqa' komuni u li ma kienx possibbli li tinqasam f'hames bicciet. Fil-fatt mill-Hames Artikolu tal-istess testment jirrizulta li l-kondividenti li deheru fuq l-att ta' divizjoni tat-30 ta' Novembru 1974, kienu diga'

lehqu ftehim verbali dwar kif ghandu jinqasam il-gid. Fl-imsemmija disposizzjoni jinghad espressament li skond il-qasma li ser issir id-dar kienet ser tinghata lit-testatrici. L-attrici Andreana Camilleri xehedet : *'Fil-laqgha li nzammet ghand Francesca Said, kullhadd kien xtaq li jigi assenjat plot, u fl-istess waqt hadd ma xtaq johrog flus biex tithallas dik il-parti li ma kienx ser imissha plot. Ghalhekk* ***intlahaq qbil li l-ahjar soluzzjoni f'dak il-mument kienet li din il-giardina tibqa' indiviza bejn il-hamsa, u 'l quddiem issir id-divizjoni taghha u min mill-hamsa ma jmissux parti mill-art jithallas tas-sehem tieghu minn din l-art tal-gardina fi flus.'.*** Verzjoni li ma gietx kontradetta mill-konvenuti, u ghalhekk ser tigi accettata mill-qorti. Il-kliem li ntuza fit-testment jikkonvinci lill-qorti li meta Francesca Said ghamlet id-disposizzjoni dwar l-art in kwistjoni, kienet qeghda tahseb biss dwar x'ghandu jsir wara mewt f'kaz li tul hajjitha tkun giet assenjata sehem diviz mill-art.

"Gialadarba t-testatrici ma pprovditx x'jigri fir-rigward tal-art fl-eventwalita li tibqa' ma tinqasamx sad-data tal-mewt taghha, allura d-drittijiet fir-rigward ta' dan is-sehem jispetta lill-werrieta taghha. Hu evidenti li fiz-zmien li sar it-testment, Francesca Said kienet qeghda tittama li xi darba l-kondividenti jiftehemu, ghaliex b'hekk biss setghet tispera li tiehu sehem *in natura*.

"B'riferenza ghat-tezi tal-atturi li *'….kull jedd li seta' kellhom Philip Galea jew Andreana Galea naxxenti minn dan it-testment intilef bil-preskrizzjoni ta' (10) snin skond l-artikolu 845(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'kull kaz ukoll bil-preskrizzjoni ta' tletin (30) sena skond l-artikolu 2143 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.'* (paragrafu 7 tar-rikors guramentat) il-qorti ghandha dawn il-kummenti x'taghmel:-

i. "L-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili qieghed jigi nvokat mill-atturi bhala preskrizzjoni estintiva. Fil-fehma tal-qorti preskrizzjoni estintiva ma ghandhiex titressaq bhala argument minn attur. Il-preskrizzjoni estintiva hi difiza li tinghata minn konvenut. L-atturi setghu jinvoka l-Artikolu 2143 fl-eventwalita li kienu qeghdin jippretendu li huma proprjetarji permezz tal-preskrizzjoni akkwizittiva trigenerarja, haga li m'humiex;

ii. "L-Artikolu 845(1) tal-Kodici Civili ma japplikax. Jekk wiehed kellu jaqbel mat-tezi tal-konvenut, ikun ifisser li gialadarba l-art ghadha ma gietx diviza u ghad m'hemmx dikjarazzjoni ta' qorti li l-art m'hijiex kommodament divizibbli, Galea ma setax jitlob il-legat in vista tal-kondizzjoni imposta mit-testatrici. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-Artikolu 716 tal-Kodici Civili li jipprovdi : *'Kull disposizzjoni f'testment maghmul taht kondizzjoni li tkun tiddependi minn grajja mhix zgura, u li tkun tali li fil-hsieb tat-testatur id-disposizzjoni m'ghandhiex tiswa hlief fil-kaz li dik il-grajja tigri jew ma tigrix, tibqa' bla effett, kemm-il darba l-persuna, li favur taghha tkun giet maghmula, tmut qabel ma ssehh il-kondizzjoni.'*. Hu wkoll kontradittorju min-naha tal-atturi li jinvoka l-Artikolu 845 tal-Kodici

Civili u fl-istess hin ighid li 'titolu' ta' xiri b'legat hu guridikament inezistenti."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha:

"tilqa' dan l-appell b'dan illi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet sovra premessi moghtija fis-27 ta' April, 2012 u konsegwentement tichad it-talbiet attrici u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta *proprio et nomine* (eccetto ghal dawk minnha rinunzjati), hawnhekk appellanti, tilqa' dan l-appell fid-dawl ta' l-aggravji u kunsiderazzjonijiet *supra* sottoposti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati."

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, jissottomettu illi s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi l-meritu ta' dan l-appell jirrilata mal-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-Artikolu 7 tat-testment ta' Francesca Said li mietet fl-14 ta' Marzu, 1978. Din il-klawsola tinsab riprodotta anke fil-bidu tas-sentenza tal-ewwel Qorti fuq riprodotta. L-ewwel Qorti interpretat l-artikolu in

kwistjoni fis-sens li l-legat hemm imsemmi jidhol fis-sehh biss f'kaz li t-testatrici tmissha xi porzjon mill-art in kwistjoni matul hajjitha, u darba li din il-kundizzjoni ma sehhietx, l-artikolu in kwistjoni tat-testment taghha baqa' minghajr effett.

Il-konvenuti appellaw mis-sentenza, u qalu mill-ewwel illi l-appell taghhom kien qed jigi ristrett ghall-meritu tal-vertenza (viz. interpretazzjoni ta' disposizzjoni testamentarja), u ma kienx qed isir appell a bazi tac-cahda mill-ewwel Qorti tal-ewwel erba' eccezzjonijiet taghhom.

Il-konvenuti jissottomettu illi d-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni ghandha tiftiehem fis-sens illi l-jedd li l-istess testatrici kellha in relazzjoni tal-gardina, anke jekk il-jedd taghha jibqa' fuq sehem indiviz ma' terzi, thalla bhala legat lill-konvenuti kif indikat fl-imsemmija disposizzjoni.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tal-konvenuti. Il-volonta` ta' testatur kif tohrog mit-testment, trid tigi dezunta, fl-ewwel lok, mill-kliem uzat fit-testment u *quoties in verbis nulla est ambiguitas, ibi nulla espositio contra verba fienda est*. F'dan il-kaz, il-kliem uzat mit-testatrici hu bizzejjed car biex minnu wiehed jifhem x'kienet l-intenzjoni taghha.

It-testatrici tghid illi "*f'kaz li imissha…*", u din il-frazi ma tistax ma tfissirx li hi rabtet il-legat mal-kundizzjoni li, tul hajjitha, ikun imissha parti mill-art in kwistjoni. Hi riedet tiddisponi minn sehem diviz tal-art u mhux mill-jedd taghha ta' koproprjetarja fuq l-istess art. Kieku riedet thalli b'titolu ta' legat l-interess taghha fuq l-art, kien ikun semplici ghaliha li tghid hekk. Fi kliem iehor, kieku, kif jissottomettu l-konvenuti, riedet tiddisponi mis-sehem taghha fuq l-art, kienet tuza kliem f'dan is-sens, u ma tuzax kliem f'sens ta' kundizzjoni. Id-disposizzjoni, f'dan is-sens, kienet tkun wahda semplici u mhux kondizzjonata ma' xi haga li ghad trid tigri. It-testatrici qalet car u tond li l-legat jinghata "*f'kas*" li jigri xi haga. F'dan il-kaz, il-"xi haga" kienet li lilha tigi assenjata l-art in kwistjoni fid-divizjoni li kellha issir fil-futur, u kien biss li f'kaz li "*imissha*" dik l-art, li l-legat kellu jidhol in effett. Gara, pero`, li sal-mewt tat-testatrici, ma kienx imissha sehem diviz mill-art, billi qatt ma saret id-divizjoni taghha.

It-testatrici la riedet thalli legat *di cose altrui*, u lanqas ma riedet thalli sehemha mill-art; hi riedet tiddisponi mill-art f'kaz biss li jkollha l-istess art bhala taghha. Il-kliem tal-klawsola, almenu fl-ewwel parti taghha, huma cari fl-intendiment taghhom, u meta jkun hekk wiehed ghandu jirrikorri ghall-interpretazzjoni letterali.

Ma jirrizultax li t-testatrici kellha hsieb li torbot lil min ikompli l-personalita` guridika taghha, ghax hawn ukoll il-klawsola kienet tigi

redatta mod iehor biex torbot lilha u lil min jigi warajha. Kieku, kif jissottomettu l-konvenuti, il-hsieb taghha kien illi dak li kien lilha spettanti mill-art jinghata b'legat, kien ikun facli li jintuzaw kliem f'dan is-sens. Kif inghad pero`, il-legat ma kienx wiehed pur u semplici ta' sehem mill-art, izda kundizzjonat ghall-kaz li jmissha parti mill-art, u cioe`, li jkollha parti diviza mill-istess.

Dan jirrizulta wkoll mill-fatt illi t-testatrici ma kienetx certa li kien sejjer imissha parti mill-art. Is-sidien kienu hamsa, u skont il-perit inkarigat minnhom, din il-porzjon art ma setghetx tigi diviza hlief f'erba' plots, b'mod li xi hadd kien ikollu jiehu sehemu fi flus. Hadd pero`, ma xtaq johrog flus biex tithallas dik il-parti li ma kienx ser imissha plot. Ftehmu allura li din l-art tithalla indiviza, u hekk jidher li ghadha sallum. It-testatrici, wahda mill-hames koproprjetarji, xtaqet allura illi jekk issir divizjoni u lilha jkun imissha parti mill-art, dik il-parti tinghata lill-konvenuti (b'titolu li mhux car peress li jinghad li Philip Galea, f'dak il-kaz, ikun jista' *jixtriha b'titolu ta' legat*", frazi kontradittorja fiha infisha). Huwa biss f'kaz li jmissha parti mill-art (mhux f'kaz, per ezempju, li jmissha flus bhala kumpens) li l-legat ikollu effett, u la darba dan ma sehhx sal-mument li dahal fis-sehh it-testment, kif qalet l-ewwel Qorti, il-legat baqa' minghajr effett.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, minhabba l-fatt li l-interpretazzjoni tat-testment kienet tinteressa sa certu punt lill-partijiet kollha, jithallsu kwart (1/4) mill-atturi in solidum u tlett kwarti (3/4) mill-konvenuti in solidum.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb